# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Gunju 2016**

**Numru 5**

**Rikors numru 150/10 RGM**

**Paul Caruana u b'digriet tal-15 ta' Marzu 2016 stante l-mewt tieghu fil-mori tal-kawza l-gudizzju f'ismu gie trasfuz f'isem Catherine Imperia Caruana**

**v.**

**Olena Caruana Verbytska**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li permezz tieghu l-attur jghid hekk:

1. "Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fl-12 ta' Settembru 2000, u minn din l-ghaqda ma' twieldux tfal;

2. "Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti ghalhekk ma ghadhiex aktar possibbli minhabba htijiet imputabbli lill-konvenuta u senjatament minhabba adulterju, eccessi, mohqrija u ingurji gravi kommessi mill-konvenuta fil-konfront tal-attur, u in subsidium, ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. “Illi l-attur ottjena d-debita awtorizazzjoni tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex ikun jista' jipprocedi b'din l-istess istanza.

“Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. “Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta, u tawtorizza lill-attur jghix separatament mill-konvenuta.

2. “Tapplika kontra l-konvenuta, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. “Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

4. “Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

5. “Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur il-beni parafernali kollha tieghu u tordna illi l-attur jigi moghti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu.

6. “Tawtorizza lill-attur illi jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

“Bl-ispejjez, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta tal-konvenuta li permezz taghha tghid:

1. “That she does not oppose to the plea filed by the applicant for the personal separation to be pronounced between the parties, however she rejects the plea that the cause of the separation should be attributed to her fault;

2. “That, without prejudice to the above and in subsidum, considering that respondent is not in any way responsible for the separation and that the cause of the separation is the sole responsibility of applicant, the dispositions of article 48 et seq of Chapter 16 of the Laws of Malta do not apply to respondent but should be applied against the applicant;

3. “That, moreover, the reason why the parties did not reach a consensual separation was due to excessive expectations on the part of the applicant and therefore respondent should not be condemned to bear the costs for these proceedings.”

1. “That she married Paul Caruana on the 12th September 2000 and that no children were born from this union.

2. “That conjugal life is no longer possible between the parties due to faults attributable to Paul Caruana namely desertion, excesses, cruelty and serious injury committed by him against claimant and also due to the fact that the marriage has irretrievably broken down.

3. “That she knows of these facts personally.

4. “That this is the reason why she is making a counterclaim.

“The plaintiff against whom the counterclaim is being made is hereby being called upon to state why the Court should not;

1. “Pronounce the personal separation between the parties for reasons attributable to the said Paul Caruana;

2. “Condemn the said Paul Caruana to pay a maintenance allowance to claimant Olena Caruana, which maintenance allowance should be such that it would be revelled upwardly from time to time according to the inflation index, and establish also the manner of payment;

3. “Dissolve the community of acquests existing between the parties, liquidate the same community of acquests and divide it into two portions and assign one part to applicant and another part to respondent under those provisions deemed to be fair and reasonable;

4. “Allow the wife the right of habitation in the matrimonial home until the time when the said matrimonial home is sold.

5. “Condemn the said Paul Caruana to return all paraphernal and dotal property to claimant;

6. “Apply the dispositions of article 48 et seq of Chapter 16 of the Laws of Malta against Paul Caruana;

7. “Set the date, time and place for the publication of the requisite deed, nominate a notary to publish the same act and a curator to represent any eventual absentee;

“Authorize claimant to revert to her maiden surname "Volodymyrivna Verbytska”.

Rat il-kontro talba tal-istess konveuta li permezz taghha talbet is-segwenti:

"(i) Pronounce the personal seperation between the parties for reasons attributable to the said Paul Caruana;

"(ii) Condemn the said Paul Caruana to pay a maintenance allowance to claimant Olena Caruana, which maintenance allowance should be such that it would be reviewed upwardly from time to time according to the inflation index, and establish also the manner of payment;

"(iii) Dissolve the community of acquests existing between the parties, liquidate the same community of acquests and divide it into two portions and assign one part to applicant and another part to respondent under those provisions deemed to be fair and reasonable;

"(iv) Condemn the said Paul Caruana to return all paraphernal and dotal property to claimant;

"(v) Apply the dispositions of article 48 et seq of Chapter 16 of the Laws of Malta against Paul Caruana;

"(vi) Set the date, time and place for the publication of the requisite deed, nominate a notary to publish the same act and a curator to represent any eventual absentee;

"(vii) Authorize claimant to revert to her maiden surname "Verbytska"."

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fil-5 ta' Frar ~~2013~~ 2015[*] li permezz taghha iddecidiet il-kawza kif gej:

"**Konsiderazzjoni tal-Qorti**.

"Ezaminati l-provi imressqa jirrizulta illi dan tal-partijiet kien zwieg celebrat b'ghagla zejda. Preparazzjoni ghal dan iz-zwieg kienet prattikament inezistenti. L-attur jghid li kien ried jizzewweg tfajla helwa u ghalhekk fittex fuq l-internet u sab lill-konvenuta. Dak jidher li kien il-motiv principali tal-attur wasslu li jizzewweg lill-konvenuta. Fl-ewwel zminijiet tal-hajja matrimonjali taghhom il-partijiet bilkemm setghu jikkomunikaw verbalment in kwantu l-konvenuta lanqas il-ligwa

[*]Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tas-16 ta' Settembru 2016.

Ingliza ma kienet ghadha taf. Kemm ir-relazzjoni tal-partijiet kienet fragli jirrizulta mill-fatt allegat mill-konvenuta u ammess mill-attur illi proprju fl-ewwel gimghat taz-zwieg taghhom huwa kellu relazzjoni adultera ma' mara ohra. Il-konvenuta tikkontendi illi hija kienet hafret lill-attur peress li riedet issalva z-zwieg.

"Ic-cirkostanza li ma setghax ikollhom ulied jidher li kompliet tohloq aktar diffikultajiet bejn il-partijiet bhala koppja mizzewg. Il-partijiet jaqblu li wara tqala li falliet ippruvaw it-trattament IVF li pero' ma tax rizultat pozittiv. Jidher li din is-sitwazzjoni li sabu fihom il-partijiet minflok ghaqdithom kompliet tikkontribwixxi ghad-deterjorament tar-relazzjoni matrimonjali tal-partijiet.

"Il-partijiet jakkuzaw lil xulxin bil-htija ghat-tkissir taz-zwieg taghhom. L-attur jakkuza lill-konvenuta b'adulterju, eccessi, mohqrija u ingurji gravi. Mill-banda l-ohra l-konvenuta rikonvenzjonanti takkuza lill-attur rikonvenzjonat b'abbandun, eccessi, mohqrija u ingurji gravi. It-tnejn jaqblu li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

"**L-Azzjoni Attrici**.

"Il-Qorti ser tghaddi l-ewwel sabiex tezamina l-kawzali tal-attur.

"Waqt il-gbir tal-provi l-attur insista hafna li l-konvenuta kienet ikkommettiet adulterju. Omm l-attur ezebiet ritratti minnha migbuda u sostniet li l-persuna femminili li tidher f'dawn ir-ritratti fil-kumpanija ta' persuna maskili hija l-konvenuta. L-attur jallega li l-konvenuta kellha relazzjonijiet intimi ma' diversi rgiel. Sew l-attur kif ukoll ommu jsostnu li l-konvenuta kienet effettivament tipprostitwixxi ruhha. Jissemmew diversi persuni li skont l-attur kellhom relazzjonijiet intimi mal-konvenuta pero' dawn baqghu ma tresqux sabiex jixhdu. L-adulterju huwa wahda mir-ragunijiet l-aktar gravi li jwassal ghal dikjarazzjoni gudizzjarja ta' separazzjoni personali.

"**Artikolu 38 tal-Kapitolu 16** jipprovdi illi:-

> "*Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra*".

"Ezaminati l-provi skarsi imressqa mill-attur fir-rigward tal-allegazzjoni tieghu li l-konvenuta ikkommettiet adulterju, il-Qorti hi tal-fehma li l-attur ma rnexxielux iressaq provi sufficjenti li jlahhqu dak il-livell ta' prova necessarja ghall-konvinciment li dak allegat wisq probabli sehh. Ghalkemm isemmi diversi persuni li skont l-attur kellhom relazzjonijiet

intimi mal-konvenuta waqt iz-zwieg taghha mal-attur, ma ressaq lil hadd minnhom bhala xhieda. Jidher li l-investigazzjoni f'din id-direzzjoni kienet qed taghmilhom omm l-attur tant li skont ix-xhieda taghha kienet ghamlet appuntament ma' wiehed minn dawn l-irgiel sabiex jiltaqa' maghha ghand nutar u jirrilaxxja xhieda f'affidavit. Pero' skont omm l-attur, ix-xhud prospettiv baqa' ma marx peress li hass li b'hekk ikun qed jitradixxi l-fiducja tal-konvenuta.

"Il-fatt li hafna drabi adulterju mhux facli tippruvah ma jnaqqas xejn mill-htiega li l-provi fir-rigward iridu jkunu cari u inekwivoci sabiex inisslu fil-gudikant dak il-konvinciment morali mehtieg ghall-akkoljiment ta' tali talba. Peress li l-provi imressqa fil-fehma tal-Qorti ma jlahhqux dak il-livell il-Qorti qed tiddeciedi illi l-kawzali fir-rikors guramentat li l-konvenuta ikkommettiet adulterju ma gietx sodisfacentement ippruvata.

"Il-komportament taghha pero' fil-konfront tal-attur fiz-zmien li ghamlu jghixu taht l-istess saqaf huwa censurabbli. L-attur kien soggett ghal tghajjir dispregjattiv u glied kontinwu. Kien hemm drabi meta l-konvenuta refghat idejha fuqu. Ghalkemm jirrizulta li l-genituri tal-attur assolutament ma ridux lill-attur jirrikoncilja mal-konvenuta, dan ma jinnewtralizzax il-fatt illi bl-agir u l-komportament censurabbli taghha l-konvenuta irrendiet il-konvivenza matrimonjali ta' bejn il-partijiet insopportabbli u impossibbli. Fil-fehma tal-Qorti gie sodisfacentement ippruvat illi l-konvenuta ikkommettiet u hija responsabbli ta' eccessi, mohqrija u ingurji gravi fil-konfront tal-attur li wasslu, almenu in parte, ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet.

"**L-Azzjoni Rikonvenzjonali**.

"Il-konvenuta istitwit l-azzjoni rikonvenzjonali fejn qed titlob li jigi dikjarat li z-zwieg tal-partijiet tkisser tort tal-attur rikonvenzjonat minhabba abbandun, eccessi, mohqrija u ingurji gravi. Qed titlob ukoll dikjarazzjoni li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

"**Artikolu 41 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

> "*Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.*"

"Il-Qorti hi tal-fehma illi l-agir tal-konvenuta fil-konfront tal-attur u s-sitwazzjoni fid-dar matrimonjali kienu tali li jiggustifikaw d-decizjoni tal-attur li jallontana ruhu mid-dar matrimonjali. Ghalkemm qabel giet intavolata l-kawza odjerna l-attur kien ilu li telaq mid-dar matrimonjali

ghal aktar minn sentejn, il-Qorti qed tikkonkludi li tali att ma jammontax ghall-abbandun kontemplat fl-Artikolu 41 citat.

"Il-konvenuta rikonvenzjonanti issostni wkoll li z-zwieg tal-partijiet tkisser tort tal-attur ghaliex irrizulta li kien ibati minn "paranoic schizophrenia", kondizzjoni li ma kinitx konxja taghha meta izzewget lill-attur. Tali kondizzjoni kienet irrendiet il-hajja matrimonjali insopportabbli ghall-konvenuta kagun ta' agir intollerabbli da parti tal-attur li kien jinkludi episodji fejn johrog fil-gallarija tal-appartament tal-partijiet jghajjat "Heil Hitler". Il-konvenuta sosstniet wkoll li kien hemm episodji fejn l-attur kien vjolenti fil-konfront taghha. Tenut kont tal-kondizzjoni medika tal-attur il-Qorti hi tal-fehma illi l-verzjoni tal-konvenuta f'dan ir-rigward hija attendibbli. L-attur u ommu fix-xhieda taghhom isostnu li l-konvenuta ma riditx lill-attur jiehu l-medicina lilu preskritta ghaliex kienet temmen fil-"herbal medicine". Il-Qorti fehmet li tali verzjoni inghatat sabiex b'xi mod jigi gustifikat l-agir censurabbli tal-attur. Din il-verzjoni il-Qorti mhix qed taccettaha. Jirrizulta li omm l-attur kienet tmur id-dar tal-partijiet prattikament kuljum fuq il-pretest li l-konvenuta ma kinitx taghmel il-facendi tad-dar u ma kintix qed tiehu hsieb l-attur. Omm l-attur tghid li kienet tmur daqstant ta' spiss sabiex tiehu hsieb taghmel dak li l-konvenuta kienet qed tonqos milli taghmel. Fil-fehma tal-Qorti pero' dan l-istat ta' fatt kellu jkun sufficjenti sabiex jigi assigurat li l-attur jiehu l-kura preskritta. L-agir censurabbli tal-attur fil-konfront tal-konvenuta mhux gustifikat ghaliex il-Qorti mhix taccetta l-verzjoni tal-attur li tali agir kien kagun tal-allegazzjoni tieghu, mhux sodisfacentement ippruvata, li l-konvenuta kienet qed tinpedih milli jiehu l-medicina lilu preskritta.

"Hija l-fehma tal-Qorti illi anke l-attur rikonvenzjonat jahti ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

"In konkluzzjoni fuq dan l-aspett tal-vertenza il-Qorti hi tal-fehma illi ghat-tkissir taz-zwieg jahtu iz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

"**Artikolu 48 – Kap. 16 : Konsegwenzi ghal Min Jaghti Lok ghall-Firda**.

"Sew l-attur kif ukoll il-konvenuta rikonvenzjonanti qed jitolbu l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 fil-konfront ta' xulxin liema artikolu jipprovdi:-

> "*(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

"*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*

"*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*

"*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*

"*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

"*(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel ma s-sentenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku.*"

"Stante li kif deciz supra hadd mill-partijiet ma qed jigi misjub hati ghat-tkissir taz-zwieg taht l-artikoli 38 u 41 tal-Kap. 16, il-Qorti ser tghaddi sabiex titratta l-applikazzjoni o meno tal-**Artikoli 51 u 52 tal-Kap 16** li jipprovdu kif gej:-

"**Artikolu 51**. "*Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin flartikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu*."

"**Artikolu 52**. "*Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għall-firda*."

"Stabbilit illi sew parti kif ukoll ohra gew misjuba hatja ghat-tkissir taz-zwieg minhabba xi wahda jew aktar mir-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40, il-Qorti ghandha s-setgha li tuza d-diskrezzjoni tapplikax jew le is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48.

"Tenut kont tal-gravita' tat-tortijiet imputabbli liz-zewg partijiet ghat-tkissir taz-zwieg taghhom il-Qorti qed tiddeciedi illi tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-

Kap.16 Ghal dan il-fini qed tiffissa il-jum tas-26 ta' Marzu 2007 bhala d-"data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda."[1]

"**Manteniment**.

"Il-konvenuta qed titlob li tigi akkordata manteniment minghand zewgha. Una volta l-Qorti qed tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap 16, it-talba tal-konvenuta ghall-manteniment qed tigi michuda. Fi kwalunkwe kaz, ghalkemm fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-konvenuta ssottomettiet illi l-attur jaqla €15,000 fis-sena, jirrizulta mill-provi migjuba illi l-attur jinsab serjament dizabilitat minn kondizzjonijiet medici gravi li ma jippermettulux li jahdem. Inoltre l-Qorti hi tal-fehma li l-konvenuta kapaci ssib xoghol.

"**Komunjoni tal-Akkwisti**.

"Assi fil-komunjoni tal-akkwisti jikkonsisti f'xi depoziti bankarji u fid-dar matrimonjali.

"Tenut kont li l-Qorti qed tistabbilixxi l-jum tas-26 ta' Marzu 2007 bhala l-jum li fih kull parti qed tigi kunsidrata hatja tal-firda, qed jigi dikjarat illi d-dhul li kellhom il-partijiet minn dak il-jum il-quddiem jappartjeni esklussivament lil dik il-parti li ghamlitu. Ghaldaqstant il-hlasijiet li ghamel l-attur in konnessjoni mal-'home loan' li l-partijiet ghandhom flimkien qed jigu meqjusa bhala pagamenti maghmula minn fondi parafernali tal-attur a beneficcju tad-dejn tal-komunjoni. Konsegwentement il-Qorti qed tordna lill-konvenuta thallas lill-attur nofs il-pagamenti li huwa ghamel lill-bank mis-26 ta' Marzu 2007 'il quddiem.

"Fir-rigward ta' depoziti bankarji il-Qorti qed tiddeciedi illi kwalunkwe depoziti bankarji li jinstabu f'isem l-attur qed jigi dikjarat li jappartjenu esklussivament lill-attur, filwaqt li kwalunkwe depoziti bankarji li jistabu f'isem il-konvenuta qed jigi dikjarat li jappartjenu esklussivament lill-konvenuta.

"Dwar id-dar matrimonjali, il-konvenuta qed titlob li tinghata d-dritt li tibqa' tabita fid-dar 'vita durante'. Ghalkemm il-konvenuta ilha s-snin tircevi l-assistenza socjali, ma jirrizultawx ragunijiet validi sabiex ma tahdimx. Il-Qorti qed tqis li l-konvenuta ghandha l-kapacita' li tahdem

[1] Artikolu 48 (1) (c) Kap 16

bi qliegh u ghalhekk potenzjalment ghandha l-kapacita' illi tikri post fejn tirrisjedi. Fic-cirkostanzi u sabiex taghti zmien sufficjenti lill-konvenuta tiehu hsieb sistemazzjoni residenzjali alternattiv, qed taghti lill-konvenuta id-dritt li tibqa' tabita fid-dar matrimonjali sa mhux aktar tard minn sena millum. Wara l-iskadenza tal-imsemmija sena, il-konvenuta ghandha tizgombra mid-dar matrimonjali u l-fond immobiljari jinbiegh bl-irkant taht l-awtorita' tal-Qorti.

"Peress li l-partijiet kienu akkwistaw id-dar matrimonjali bl-ghajnuna ta' facilita' bankarja b'rizultat ta' liema hemm jagrava din il-proprjeta' privilegg u ipoteka specjali a favur il-bank kreditur, mir-rikavat tal-bejgh tal-fond de quo ghandu l-ewwel jithallas il-bank kreditur. Il-bilanc ghandu jigi percepit in kwantu ghal nofs mill-attur u in kwantu ghal nofs mill-konvenuta b'dan illi l-konvenuta ghandha minn sehemha tirrifondi lill-attur nofs il-pagamenti li huwa ghamel lill-bank mis-26 ta' Marzu 2007 'il quddiem. Pretensjonijiet ohra ta' terzi kontra l-partijiet ghandha jigu trattati fi proceduri distanti minn dawk odjerni.

"**Decide**.

"Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi t-talbiet attrici u dawk rikonvenzjonali u tiddisponi mill-eccezzjonijiet imressqa miz-zewg partijiet bil-mod kif gej:-

"1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba attrici u l-ewwel talba rikonvenzjonali billi tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet minhabba ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet bit-tort jigi akkollat in kwantu ghal nofs fuq l-attur u in kwantu ghal nofs fuq il-konvenuta. Tawtorizza lill-partijiet jghixu separatament minn xulxin.

"2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tilqa' s-sitt talba rikonvenzjonali, tapplika kontra l-attur u kontra l-konvenuta is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

"3. Tichad it-tielet, u l-hames talba rikonvenzjonali.

"4. Tilqa' parzjalment ir-raba' talba rikonvenzjonali, u tikkoncedi lill-konvenuta id-dritt li tkompli tabita fid-dar matrimonjali Regent Place, Flat 2, Triq il-Venerabbli Nazju Falzon, Birkirkara, sa zmien sena millum b'dan illi qed tiprojbixxi lil terzi persuni milli jirrisjedu f'dan il-fond. Ksur ta' din il-kondizzjoni iwassal ghat-tmiem prematur tad-dritt ta' abitazzjoni hawn koncess lill-konvenuta. Il-konvenuta qed tigi ordnata illi mal-iskadenza tal-imsemmija sena tizgombra mill-fond matrimonjali.

"5. Tilqa' t-tielet talba attrici u tilqa' t-tielet talba rikonvenzjonali, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet. Tillikwida l-istess billi tordna li sa mhux qabel sena millum il-fond Regent Place, Flat 2, Triq il-Venerabbli Nazju Falzon, Birkirkara, jinbiegh bl-irkant taht l-awtorita' tal-Qorti. Mir-rikavat ghandu l-ewwel jithallas il-bilanc kollu dovut lill-bank kreditur in konnessjoni mal-'home loan' tal-partijiet. Il-bilanc tar-rikavat ghandu jithallas in kwantu ghal nofs lill-attur u nofs lill-konvenuta. Minn sehem il-konvenuta ghandu jithallas lill-attur nofs il-pagamenti li huwa ghamel lill-bank kreditur mis-26 ta' Marzu 2007 sallum.

"6. Tilqa' s-sitt talba attrici.

"7. Tilqa' t-tmien talba rikonvenzjonali u tawtorizza lill-konvenuta tirriverti lura ghal kunjom xbubitha "Volodymyrivna" Verbytska".

"Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta li permezz tieghu talbet li din il-Qorti joghgobha tvarja u tirriforma s-sentenza imsemmija billi tilqa' l-aggravji taghha;

Illi dawn it-talbiet huma testwalment:

"... ... ... tilqa' dan l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassar u tirrevoka (i) dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha gie deciz illi s-separazzjoni tal-kontendenti sehhet ghal ragunijiet imputabbli ghaz-zewg partijiet; (ii) dik il-parti tas-sentenza fejn it-talba tal-appellanti ghal hlas ta' manteniment giet michuda; (iii) dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellanti inghatat il-fakulta tirrisjedi fid-dar matrimonjali ghal sena wahda biss; (iv) dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha gew applikati fil-konfront tal-appellanti d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili; (v) dik tas-sentenza fejn il-konvenuta giet ikkundannata thallas lill-attur is-sehem taghha mill-pagamenti maghmula minnu lejn is-self bankarju minn Marzu 2007 sa llum; u minflok u filwaqt illi tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata, tiddeciedi illi s-separazzjoni tal-kontendenti sehhet ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-appellat attur u konsegwentement ma japplikawza fil-konfront tal-konvenuta d-disposizzjonijiet tal-

> Artikolu 48 tal-Kodici Civili; tilqa' t-talba tal-konvenuta appellanti sabiex tinghata d-dritt li tibqa' tabita fid-dar matrimonjali ad vita durante tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, b'dan illi d-dar matrimonjali tibqa' proprjeta` komuni bejn il-partijiet u taqsam il-komunjoni tal-akkwisti f'ishma indaqt bejn il-partijiet".

Rat ir-risposta tal-appellat li permezz tieghu talab li s-sentenza appellata tigi konfermata;

Rat illi fil-mori tal-appell l-appellat miet u li saret id-debita legittimazzjoni tal-atti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Mejju 2016 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkonsidrat;

**AGGRAVJI TAL-KONVENUTA**

Illi **l-ewwel aggravju** huwa dwar il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi tattribwixxi lill-konvenuta appellanti nofs it-tort ghat-tifrik taz-zwieg. Dan ghaliex skont l-appellanti il-Qorti kien messha waslet ghall-konkluzjoni li l-appellat wahdu kien hati ghat-tifrik taz-zwieg. Hija issostni wkoll li gabet bizzejjed provi li l-appellat kien hati ta' agir abusiv lejha illi jikkostitwixxi adulterju, sevizzi, eccessi, mohqrija u ingurji gravi fil-konfront taghha.

Huwa evidenti li allura l-appellanti ma qablitx mal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti u qed titlob lill din il-Qorti biex taghmel apprezzament differenti billi taddossa lill-appellat bir-responsabilita` ghat-tifrik taz-zwieg. Ghal dak li huwa apprezzament tal-fatti, din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil,** Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001); madankollu "*Din il-Qorti pero' f'kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-*

*gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*". (**Attard et v. Direttur tas-Sahha, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014**).

Din il-Qorti wara li ezaminat l-atti jidrilha li ma hemm ebda raguni serja li jgaghluha tbiddel l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Kontrarjament ghal dak li l-abbli difensur tal-appellanti sejjah bhala reazzjonijiet naturali tal-appellanti ghall-agir ta' zewgha, fil-fehma anke ta' din il-Qorti, dawn l-atteggjamenti taghha kienu jikkostitwixxu indubbjament azzjonijiet serji bizzejjed biex jaghmluha ugwalment responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg. Jirrizulta infatti li kif spjegat l-ewwel Qorti, "*l-attur kien soggett ghal tghajjir dispreggjattiv u glied kontinwu. Kien hemm drabi li l-konvenuta refghet idejh fuqu*".

Huwa evidenti li n-nuqqasijiet tal-appellanti huma gravi daqs dawk tal-appellat u allura din il-Qorti taqbel li l-ewwel Qorti ghamlet sewwa li addossat lill-partijiet l-istess tort ghat-tifrik taz-zwieg. Dan naturalment kien gustament ukoll rifless fid-decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez. Dan l-aggravju ghalhekk huwa michud.

**It-tieni aggravju** huwa ormai sorvolat peress li sfortunatament l-appellat gie nieqes sakemm gie biex jinstema l-appell u allura t-talba tal-appellanti ghall-manteniment ma tistax tigi ikkonsidrata.

**Il-tielet aggravju** jirrigwardja t-talba li ghamlet l-appellanti biex tibqa' tabita fid-dar konjugali u fl-appell taghha qed tinsisti li ghandu jibqalha d-dritt illi tibqa' taghmel dan ***vita durante***. Il-Qorti tassew ghandha l-fakolta` li taghmel dan skont l-Artikolu 55A tal-Kodici Civili;

> *"55A. (1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha, fuq it-talba ta' xi waħda mill-partijiet, tordna, skont iċ-ċirkostanzi:*
> *(a) lil xi parti minnhom għandha toqgħod fid-dar taż- żwieġ, ad esklużjoni tal-parti l-oħra, u għal dak il-perjodu u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa;"*

Il-Qorti pero` jidrilha li fic-cikostanzi ta' dan il-kaz li din it-talba tal-appellanti hija assurda u ma ghandiex dubbju li din it-talba ma ghandiex tintlaqa'. Ma hemm ebda raguni valida biex twassal lill-Qorti tbiddel is-decizjoni tal-ewwel Qorti. L-unika raguni li taghti l-appellanti ghal din it-talba taghha hija biss li hija ma jkollix fejn tmur toqghod jekk jintemmilha dan id-dritt izda wiehed irid jikkonsidra wkoll li kieku l-Qorti taghtiha dak li qed titlob l-appellat jitlef tista' tghid ghal kollox l-investiment li ghamel biex akkwista dan l-appartament. Fil-kaz in ezami ma hemmx tfal minuri x'wiehed jikkonsidra u din il-Qorti mhijiex se tippriva lill-appellat mill-ass principali tieghu semplicement ghaliex l-appellanti ma jkollhiex fejn toqghod meta l-istess appellanti kienet hatja daqs l-appelat ghat-tifrik taz-zwieg. Fuq kollox bil-bejgh tal-proprjeta' hija se jkollha ghall-inqas fondi biex takkwista proprjeta' ohra jew tikri. Apparti minn hekk din il-Qorti taqbel mal-gudizzju tal-ewwel Qorti li l-appellanti ghandha l-kapacita` li tahdem bi qliegh ukoll.

**Dan l-aggravju ghalhekk huwa ukoll michud.**

**Ir-raba' aggravju** jirrigwardja l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti u wkoll li skont l-appellanti l-Qorti kienet zbaljata meta applikat fil-konfront taghha l-estremi tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili u li dan l-artikolu kellu jigi applikat biss fil-konfront tal-appellat. Dan l-artikolu jghid hekk;

> "**48.** (*1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*
>
> *(a)* "*il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
>
> *(b)* "*dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
>
> "*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*
>
> "*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*"

L-Artikoli 38 u 41 imsemmija f'dan l-artikolu jsemmu adulterju u abbandun rispettivament.

Artikolu 51 u 52 jghidu;

> "**51**. *Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin flartikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu.*
>
> "**52**. *Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ- ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox*

> *jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il wiehed u l–ohra jkunu htija ta' eghmil li jaghti lok ghal-firda.*"

Il-Qorti allura, hlief fil-kaz li jkun hemm abbandun jew adulterju, ghandha d-diskrezzjoni jekk tapplikax il-provvediementi tal-Artikolu 48 jew le. Fic-cirkostanzi tal-kaz fejn l-appellanti kienet hatja ta' ingurji gravi serji hafna l-ewwel Qorti dehrilha li ghandha tapplika hi wkoll dan l-artikolu u tiddikjara li l-appellanti iddekadiet mid-dritt ghall-alimenti.

L-argument ewlieni f'dan l-aggravju huwa li skont l-appellanti, il-Qorti kellha tiddikjara lill-appellat hati ta' adulterju sa mis-sena 2000 u allura kellu jitlef dritt ghal sehmu minn dakinhar. Dan mhux il-kaz ghaliex jirrizulta mill-atti li l-partijiet baqghu jghixu flimkien sal-2007 tant li anke ipprovaw ikollhom l-ulied. <u>Ghalhekk sal-2007 iz-zwieg kien ghadu ma tfarrakx ghal kollox</u>.

Madankollu anke jekk dan kellu jsir, l-appellanti donnha ma qratx sew is-subinciz (c) tal-Artikolu 48 fuq imsemmi li jghid li l-parti hatja titlef is-sehem li jkun sar <u>bil-hidma tal-parti l-ohra</u>. F'dan il-kaz, huwa evidenti li l-qliegh monetarju principali sar mill-appellat li kellu salarju sostanzjali, kontrarjament ghall-appellanti li ma kienitx tahdem bi qliegh. F'kull kaz, il-Qorti jidrilha li l-ewwel Qorti adoperat id-diskrezzjoni taghha b'mod gust f'dan ir-rigward kif ghamlet fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 48 fir-rigward tal-appellanti. L-addebiti taghha, kif gia` issemma aktar

qabel huma serji bizzejjed biex jimmeritaw din l-applikazzjoni. Stabbilit dan allura d-dritt tal-appellanti li tibqa' tghix fil-fond matrimonjali a tenur tal-Artikolu 633 (1) jintemm bil-pronunzjament tas-sentenza. Dan l-artikolu fis-subinciz (3) jinkludi wkoll id-dritt ghas-sehem riservat li altrimenti jkollha d-dritt il-parti li tibqa' hajja. Ghalhekk id-dritt li seta' kellha l-appellanti ghal xi sehem mill-proprjeta` tal-appellat mal-mewt tieghu jintemm bl-applikazzjoni ta' din id-disposizzjoni.

Fil-kors tat-trattazzjoni l-abbli difensur tal-appellanti ghamel referenza ghall-Artikolu 43 tal-Kodici Civili li certament ghandu siwi f'dan l-appell; dan infatti jghid hekk;

> "*43. Bil-mewt tar-raġel jew tal-mara, ħlief fil-każ li fih is-sentenza tal-firda jista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikoli 48 sa 52 inklużivament, tispiċċa l-azzjoni tal-firda, ukoll jekk il-mewt tiġri wara li tkun saret it-talba.*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghalhekk peress li f'dan il-kaz, is-sentenza ghandha certament l-effetti tal-artikli imsemmija, din l-azzjoni ma spiccatx. Dan ifisser ukoll pero` li l-azzjoni ma intemmitx, u allura ma hijiex estinta kif argumenta l-istess difensur izda jibqalha s-siwi u sahha taghha.

L-appellanti irrilevat ukoll li mill-2012 l'hawn hija hallset wahedha l-hlasijiet mensili mill-'home loan' li kienu ghamlu meta xtraw il-fond matrimonjali. Ghalhekk qed titlob li hija wkoll tithallas lura dawn l-ammonti. Madankollu, ghal dan il-perjodu kollu hija kienet qed u

ghadha qed tghix fil-fond wahedha u allura huwa gust li l-appellat ikun kumpensat ghal telf ta' hlas ta' kera li altrimenti huwa kien jircievi u l-appellanti kienet thallas kieku dan ma kienx il-kaz. Dan ma kienx il-kaz fir-rigward tal-appellat li kien ihallas hu meta l-partijiet kienu jghixu flimkien.

Dan l-aggravju ghalhekk huwa wkoll michud.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu interament u tikkonferma s-sentenza appellata kompriz ghall-kap tal-ispejjez; l-ispejjez kollha tal-appell huma a kariku tal-appellanti.

It-termini imposti mis-sentenza appellati jibdew ghaddejjin mil-lum.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb